



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2015/0149(COD)

27.4.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE
(COM(2015)0341 – C8-0189/2015 – 2015/0149(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Aldo Patriciello

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

It-tikkettar tal-enerġija huwa ta' benefiċċju għall-ambjent, peress li jippermetti lill-konsumaturi jqabblu l-prodotti f'termini tal-effiċjenza enerġetika tagħhom u jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri kosteffikaċi u li jirrispettaw l-ambjent.

Madankollu, is-sistema ta' tikkettar tal-enerġija li teżisti bħalissa m'għadhiex trasparenti u, sa ċertu punt, m'għadhiex tagħmel sens, l-aktar minħabba l-iffullar u d-diversifikazzjoni tal-ogħla klassijiet tal-effiċjenza enerġetika, li evidentement tfixkel lill-konsumaturi. Barra minn hekk, is-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri fiha lok għal titjib, u sistema aktar ċara u sempliċi ta' tikkettar u ġestjoni ta' informazzjoni dwar il-prodotti tkun ta' benefiċċju għaliha.

Għaldaqstant, ir-rapporteur jilqa' favorevolment il-proposta għal Regolament li jstabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (COM(2015)341), li għandu l-għan li johlq aktar trasparenza għall-konsumaturi u l-awtoritajiet fir-rigward tal-prodotti relatati mal-enerġija fis-suq tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni tissostitwixxi l-qafas ta' tikkettar tal-enerġija attwali u tintroduċi mekkaniżmu għar-riklassifikazzjoni tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika. Il-proposta tipprevedi wkoll bażi ta' dejta tal-prodotti u tistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi involuti.

Ir-rapporteur japprova l-parti l-kbira tal-elementi msemmija, iżda jissuġġerixxi li diversi aspetti tal-proposta jiġu emendati, b'mod partikolari:

- Il-frekwenza tar-riklassifikazzjoni

Il-Kummissjoni tipproponi ċiklu ta' rieżami perjodiku ta' għaxar snin u fuq dan tibbaża l-kunċett tagħha ta' riklassifikazzjoni u ripopolazzjoni tal-klassijiet kollha tal-effiċjenza enerġetika. Ir-rapporteur jemmen li l-frekwenza tar-riklassifikazzjoni għandha tkun ibbażata biss fuq l-evidenza u tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-prodotti. Ċiklu fiss ma jistax jissodisfa l-esiġenzi ta' suq li qed jinbidel. Kwalunkwe riklassifikazzjoni tikkostitwixxi adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, u għandha tkun ibbażata fuq studju preparatorju dettaljat u speċifiku magħmul mill-Kummissjoni. Ir-referenzi kollha għal ċikli ta' rieżami fissi għandhom jitħassru (il-Premessa 11; l-Artikolu 7(3) u (4)).

- L-għadd ta' prodotti fl-ogħla klassijiet

Bħala tweġiba għall-iffullar u d-diversifikazzjoni tal-klassi A għal bosta prodotti, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-klassijiet il-ġodda A+ eċċ. jitħassru u l-ogħla żewġ klassijiet A u B jiġu żvujtati għalkollox. Ir-rapporteur huwa konvint bis-sħiħ li l-iżvujtar tal-ogħla klassijiet jibgħat messaġġ żbaljat lill-konsumaturi u jista' jkollu effett negattiv mil-lat ekoloġiku, peress li jagħti l-impressjoni li ma jeżistux prodotti rakkomandabbli. Billi jifhem il-bżonn ta' soluzzjoni fit-tul, jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' limitu ta' perċentwal għall-klassijiet tal-enerġija A u B, li jekk jinqabeż jagħti lok għal riklassifikazzjoni ġdida (il-Premessa 11; l-Artikolu 7(3)).

- Iż-żamma tal-bażi ta' dejta

Ir-rapporteur jixtieq jenfasizza li l-bażi ta' dejta hija biss għodda teknika u ma tistax tieħu post is-sorveljanza tas-suq. Il-ħolqien ta' skedi tad-dejta dwar il-prodotti u x-xogħol biex is-settijiet tad-dejta jittellgħu jew jiddaħħlu f'bażi ta' dejta esterna jistgħu jikkostitwixxu piż finanzjarju u amministrattiv kbir, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni fil-formati tradizzjonali f'forma elettronika għandu jkun güridikament possibbli, bil-kundizzjoni li l-informazzjoni tkun kompluta u standardizzata u li l-fornitur ikun jista' jinżamm responsabbli għall-informazzjoni li jkun hemm fil-bażi ta' dejta. Il-fornitur għandu jkollu d-dritt jiddeċiedi kif jixtieq jissottometti d-dejta tiegħu (il-Premessa 16; l-Artikolu 3(1); l-Artikolu 8).

- It-twaħħil jew il-viżwalizzazzjoni tat-tikketta

Hemm punti fejn il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex ċara fir-rigward tal-użu ta' tikketti elettroniċi minflok tikketta tradizzjonali mwaħħla mal-prodott. Il-viżwalizzazzjoni elettronika tat-tikketti fil-ħwienet tikkostitwixxi simplifikazzjoni għall-partijiet kollha involuti u għalhekk għandha tiġi inkoraġġuta (l-Artikolu 3(2)).

Ir-rapporteur jirrakkomanda wkoll li tiżdied definizzjoni ta' "effiċjenza enerġetika" konformi mad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika.

Ir-rapporteur jilqa' favorevolment il-fatt li l-prodotti użati huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu::

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni Ewropea hi impenjata li tibni Unjoni ta' Enerġija b'politika dwar il-klima li tħares 'il quddiem. L-effiċjenza enerġetika hi element kruċjali tal-Qafas Politiku tal-Unjoni Ewropea dwar il-Klima u l-Enerġija tal-2030 u hi ċ-ċavetta għall-moderazzjoni tad-domanda tal-enerġija.

Emenda

(1) L-Unjoni Ewropea hi impenjata li tibni Unjoni ta' Enerġija b'politika dwar il-klima li tħares 'il quddiem. L-effiċjenza enerġetika hi element kruċjali tal-Qafas Politiku tal-Unjoni Ewropea dwar il-Klima u l-Enerġija tal-2030 u hi ċ-ċavetta għall-moderazzjoni tad-domanda tal-enerġija **u l-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.**

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Huwa xieraq li d-Direttiva 2010/30/UE tinbidel b'Regolament li jżomm l-istess skop, iżda li jimmodifika u jtejjeb uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu ħalli l-kontentut tagħhom ikun iċċarat u aġġornat. **Regolament hu l-istrument legali xieraq għax jimponi regoli ċari u dettaljati li ma jagħtux lok għal traspożizzjoni diverġenti mill-Istati Membri u għalhekk jassigura grad ogħla ta' armonizzazzjoni mal-Unjoni kollha. Qafas regolatorju armonizzat f'livell ta' Unjoni aktar milli f'livell ta' Stat Membru jnaqqas l-ispejjeż għall-manifatturi u jiżgura kundizzjonijiet ekwi. L-armonizzazzjoni mal-Unjoni kollha tassigura l-moviment liberu tal-prodotti fis-Suq Uniku.**

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Huwa xieraq li d-Direttiva 2010/30/UE tinbidel b'Regolament li jżomm ***prinċipalment*** l-istess skop, iżda li jimmodifika u jtejjeb uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu ħalli l-kontentut tagħhom ikun iċċarat u aġġornat. ***Qafas regolatorju armonizzat fil-livell tal-Unjoni, aktar milli fil-livell tal-Istati Membri, inaqqas l-ispejjeż għall-manifatturi u jiżgura kundizzjonijiet ekwi. Armonizzazzjoni mal-Unjoni kollha tassigura l-moviment liberu tal-prodotti fis-suq intern kollu kemm hu. Peress li l-konsum tal-enerġija tal-mezzi tat-trasport għall-persuni jew għall-prodotti huwa regolat direttament jew indirettament minn leġiżlazzjoni u politiki oħra tal-Unjoni, huwa xieraq li jibqgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Din l-eżenzjoni tinkludi mezz ta' trasport li l-mutur tagħhom jibqa' fl-istess post waqt it-tħaddim, bħalma huma liftijiet, skali mobbli u ċineg tal-ġarr.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) It-titjib fl-effiċjenza tal-prodotti relatati mal-enerġija permezz ta' għażliet infurmati mill-konsumatur hu ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-Unjoni, jixpruna l-innovazzjoni u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2020 u tal-2030 tal-Unjoni. *Se* jgħin ukoll biex il-konsumaturi jiffrankaw il-flus.

Emenda

(7) It-titjib fl-effiċjenza tal-prodotti relatati mal-enerġija permezz ta' għażliet infurmati mill-konsumatur hu ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-Unjoni, jixpruna l-innovazzjoni u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2020 u tal-2030 tal-Unjoni ***kif ukoll l-oġġettivi tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent u l-azzjoni klimatika.*** Jgħin ukoll biex il-konsumaturi jiffrankaw il-flus ***billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-għoti ta' informazzjoni korretta, rilevanti u komparabbli fuq il-konsum speċifiku tal-enerġija tal-prodotti relatati mal-enerġija jiffaċilita l-għażla tal-konsumaturi favur dawk il-prodotti li jikkunsmaw inqas enerġija u riżorsi essenzjali oħrajn waqt l-użu. It-tikketta mandatorja standardizzata hi mezz effettiv li jipprovdli lill-konsumaturi potenzjali b'informazzjoni komparabbli fuq il-konsum tal-enerġija ta' prodotti relatati mal-enerġija. Din għandha tkun issupplimentata ***b'folja ta' informazzjoni*** dwar il-prodott. It-tikketta għandha tintgħaraf faċilment u tkun sempliċi u konċiża. Biex jintlaħaq dan kollu, l-iskala ta' kuluri minn aħdar skur għal aħmar tat-tikketta għandha tinżamm bħala l-bażi biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-effiċjenza enerġetika tal-

Emenda

L-għoti ta' informazzjoni korretta, rilevanti u komparabbli fuq il-konsum speċifiku tal-enerġija tal-prodotti relatati mal-enerġija jiffaċilita l-għażla tal-konsumaturi favur dawk il-prodotti li jikkunsmaw inqas enerġija u riżorsi essenzjali oħrajn waqt l-użu. It-tikketta mandatorja standardizzata hi mezz effettiv li jipprovdli lill-konsumaturi potenzjali b'informazzjoni komparabbli fuq il-konsum tal-enerġija ta' prodotti relatati mal-enerġija. Din għandha tkun issupplimentata ***bi skeda informattiva*** dwar il-prodott. It-tikketta għandha tintgħaraf faċilment u tkun sempliċi u konċiża. Biex jintlaħaq dan kollu, l-iskala ta' kuluri minn aħdar skur għal aħmar tat-tikketta għandha tinżamm bħala l-bażi biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti. Il-

prodotti. Il-klassifikazzjoni li tuża l-ittri minn A sa G uriet li kienet l-aktar effettiva għall-konsumaturi. F'sitwazzjonijiet fejn, minħabba miżuri tal-ekodisinn skont id-Direttiva 2009/125/KE, il-prodotti ma jkunux jistgħu jibqgħu jaqgħu fil-klassijiet 'F' jew 'G', dawk il-klassijiet ma għandhomx jidhru fuq it-tikketta. ***F'każijiet eċċezzjonali, dan għandu jiġi estiż għall-klassijiet 'D' u 'E', għalkemm din is-sitwazzjoni x'aktarx ma tinqalax, billi t-tikketta tkun kklassifikata mill-ġdid ladarba maġġoranza tal-mudelli tal-prodotti jaqgħu fl-ogħla żewġ klassijiet.***

klassifikazzjoni li tuża l-ittri minn A sa G uriet li kienet l-aktar effettiva għall-konsumaturi. F'sitwazzjonijiet fejn, minħabba miżuri tal-ekodisinn skont id-Direttiva 2009/125/KE, il-prodotti ma jkunux jistgħu jibqgħu jaqgħu fil-klassijiet 'D', 'E', 'F' jew 'G', dawk il-klassijiet ma għandhomx jidhru fuq it-tikketta.

Ġustifikazzjoni

Jekk il-klassijiet ikunu vojta għal raġunijiet ġuridiċi, dawn għandhom jitneħħew irrispettivament mill-perċentwal ta' prodotti li jaqgħu fl-ogħla żewġ klassijiet.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-manifatturi jirrispondu għat-tikketta tal-enerġija billi joħlqu prodotti dejjem aktar effiċjenti. Dan l-iżvilupp teknoloġiku jwassal biex ikun hemm aktar prodotti fl-ogħla klassijiet tat-tikketta tal-enerġija. Jista' jkun hemm bżonn ta' aktar differenzazzjoni tal-prodott ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu l-prodotti kif suppost, u dan iwassal għall-ħtieġa li t-tikketti jkollhom skala ġdida. ***Minħabba li l-frekwenza ta' skala mill-ġdid bħal din ta' madwar għaxar snin tkun waħda xierqa, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt*** li jiġi evitat piż żejjed fuq il-manifatturi. Dan ir-Regolament għalhekk għandu jinkludi arranġamenti dettaljati għall-għoti ta' skali ġodda biex iċ-ċertezza legali tkun massimizzata għall-fornituri u n-negozjanti. It-tikketta bi skala ġdida għandu jkollha l-ogħla klassijiet

Emenda

(11) Il-manifatturi jirrispondu għat-tikketta tal-enerġija billi joħlqu prodotti dejjem aktar effiċjenti. Dan l-iżvilupp teknoloġiku jwassal biex ikun hemm aktar prodotti fl-ogħla klassijiet tat-tikketta tal-enerġija. Jista' jkun hemm bżonn ta' aktar differenzazzjoni tal-prodott ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu l-prodotti kif suppost, u dan iwassal għall-ħtieġa li t-tikketti jkollhom skala ġdida. ***Għal riklassifikazzjoni bħal din, il-frekwenza tiddependi mill-iffullar fl-ogħla żewġ skali – li jnaqqas l-għażla tal-konsumaturi u l-inċentivi għall-iżvilupp ta' prodotti aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija – fid-dawl tal-ħtieġa*** li jiġi evitat piż żejjed fuq il-manifatturi. Dan ir-Regolament għalhekk għandu jinkludi arranġamenti dettaljati għall-għoti ta' skali ġodda biex iċ-ċertezza legali tkun

vojta biex tħeġġeġ il-progress teknoloġiku u tippermetti li jiġu żviluppati u rikonoxxuti aktar prodotti effiċjenti. Meta tikketta tingħata skala ġdida, għandha tiġi evitata l-konfużjoni għall-konsumaturi billi t-tikketti tal-enerġija kollha jinbidlu fuq perjodu ta' żmien qasir.

massimizzata għall-fornituri u n-negożjanti. It-tikketta bi skala ġdida għandu jkollha l-ogħla klassijiet vojta biex tħeġġeġ il-progress teknoloġiku u tippermetti li jiġu żviluppati u rikonoxxuti aktar prodotti effiċjenti. Meta tikketta tingħata skala ġdida, għandha tiġi evitata l-konfużjoni għall-konsumaturi billi t-tikketti tal-enerġija kollha jinbidlu fuq perjodu ta' żmien qasir.

Ġustifikazzjoni

Ir-raġuni ewlenija għar-riklassifikazzjoni tat-tikketta tal-effiċjenza enerġetika hija l-iffullar fl-ogħla klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A u B, li jnaqqas l-għażla tal-konsumaturi u jbaxxi l-inċentiv biex jixtru prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Peress li l-effiċjenza enerġetika ta' kull grupp ta' prodotti tevolve b'rata differenti, il-perjodu suġġerit ta' 10 snin jista' jkun qasir jew twil wisq, skont il-grupp ta' prodotti. Sabiex ikun żgurat li l-piż tar-reviżjoni tat-tikketta jibqa' raġonevoli u l-konsumaturi jkollhom għażla biżżejjed, l-ogħla klassijiet A u B m'għandhomx jiġu żvujtati, iżda għandu jkun fihom għadd limitat ta' prodotti.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Jeħtieġ li tkun ipprovduta distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli għall-konformità skont ir-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista u għandhom jieħdu l-miżuri adattati biex jassiguraw li fis-suq ikun hemm biss prodotti li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati tiegħu.

Emenda

(13) Jeħtieġ li tkun ipprovduta distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli għall-konformità skont ir-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista u għandhom jieħdu l-miżuri adattati biex jassiguraw li fis-suq ikun hemm biss prodotti li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati tiegħu. ***L-awtoritajiet superviżorji għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post dwar il-konformità tal-prodotti enerġetiċi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, hemm bżonn li jkun iċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza u l-kontroll tas-suq tal-Unjoni tal-prodotti li jidhru fis-suq tal-Unjoni li għalihom hemm provdut fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ japplikaw għall-prodotti relatati mal-enerġija. Skont il-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti, huwa essenzjali li l-awtoritajiet **ta' sorveljanza** tas-suq tal-Istati Membri jikkooperaw flimkien b'mod effettiv. Din il-kooperazzjoni fuq it-tikkettar tal-enerġija għandha tkun rinfurzata bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

²¹ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

Emenda

(15) Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, hemm bżonn li jkun iċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza u l-kontroll tas-suq tal-Unjoni tal-prodotti li jidhru fis-suq tal-Unjoni li għalihom hemm provdut fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ japplikaw għall-prodotti relatati mal-enerġija. Skont il-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti, huwa essenzjali li l-awtoritajiet **tas-sorveljanza** tas-suq tal-Istati Membri jikkooperaw flimkien b'mod effettiv **permezz ta' skambju kontinwu ta' informazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti u l-kummerċjalizzazzjoni jew l-irtirar mis-suq ta' ċerti prodotti**. Din il-kooperazzjoni fuq it-tikkettar tal-enerġija għandha tkun rinfurzata bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

²¹ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) **Biex** ikun iffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità u tkun ipprovduta fis-suq dejta aġġornata għall-proċess regolatorju fuq ir-reviżjonijiet ta' tikketti speċifiċi għall-prodott u **folja ta' informazzjoni**, il-fornituri għandhom jipprovdu l-informazzjoni **tal-konformità** tal-prodott

Emenda

(16) **Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq, sabiex** ikun iffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità u tkun ipprovduta fis-suq dejta aġġornata għall-proċess regolatorju fuq ir-reviżjonijiet ta' tikketti speċifiċi għall-prodott u **skedi**

b'mod elettroniku f'bażi ta' dejta stabbilita mill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament **biex** tipprovdi **informazzjoni** lill-konsumaturi u **biex** tippermetti modi alternattivi għan-negozjanti ħalli jirċievu t-tikketti. L-awtoritajiet **ta' sorveljanza** tas-suq għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni f'bażi ta' dejta.

informattivi, il-fornituri għandhom jipprovdu l-informazzjoni **meħtieġa dwar il-konformità** tal-prodott b'mod elettroniku f'bażi ta' dejta stabbilita **u miżmuma** mill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament, **inkluż bl-użu ta' applikazzjonijiet u teknoloġiji tal-informazzjoni oħra, sabiex** tipprovdi **l-informazzjoni meħtieġa** lill-konsumaturi u **sabiex** tippermetti modi alternattivi għan-negozjanti ħalli jirċievu t-tikketti. L-awtoritajiet **tas-sorveljanza** tas-suq għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni f'bażi ta' dejta.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-konsum tal-enerġija u informazzjoni oħra li tikkonċerna l-prodotti koperti bir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott skont dan ir-Regolament għandhom jitkejlu b'metodi affidabbli, preċiżi u li jistgħu jiġu riprodotti li jqisu l-miżuri u l-metodi ta' kalkolu rikonoxxuti u l-aktar moderni. Hu fl-interess tal-funzjonament tas-suq intern li jkun hemm standards li jkunu ġew armonizzati fil-livell ta' Unjoni. Fin-nuqqas ta' standards ippubblikati fil-ħin tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott, il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-metodi tranżitorji tal-kejl u tal-kalkolu fir-rigward tra dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott. Ladarba tkun ippubblikata referenza għal tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-konformità magħha għandha tipprovdi preżunzjoni tal-konformità mal-miżuri tal-kejl għal dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott adottati abbażi ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(19) Il-konsum tal-enerġija u informazzjoni oħra li tikkonċerna l-prodotti koperti bir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott skont dan ir-Regolament għandhom jitkejlu **f'konformità ma' standards armonizzati** u b'metodi affidabbli, preċiżi u li jistgħu jiġu riprodotti li jqisu l-miżuri u l-metodi ta' kalkolu rikonoxxuti u l-aktar moderni. **Dawn il-metodi għandhom jirriflettu, kemm jista' jkun, il-kundizzjonijiet tal-użu reali sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu u jafdaw l-informazzjoni mogħtija minn dawn it-tikketti. Għandhom ukoll ikunu ċari u robusti sabiex jiskoraġġixxu l-evitar intenzjonali u mhux intenzjonali tagħhom.** Hu fl-interess tal-funzjonament tas-suq intern li jkun hemm standards li jkunu ġew armonizzati fil-livell ta' Unjoni. Fin-nuqqas ta' standards ippubblikati fil-ħin tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott, il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-metodi tranżitorji tal-kejl u tal-kalkolu fir-rigward tra dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott. Ladarba tkun ippubblikata referenza għal tali standard

f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-konformità magħha għandha ttipprovdi preżunzjoni tal-konformità mal-miżuri tal-kejl għal dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott adottati abbażi ta' dan ir-Regolament.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) L-awtoritajiet superviżorji għandhom jivverifikaw jekk il-prodotti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, mar-regoli armonizzati għall-kalkolu u l-kejl tal-istandards tal-prodotti. Dawn il-verifiki għandhom jitwettqu b'tali mod li jirriflettu l-kundizzjonijiet reali tal-użu tal-prodott. Il-karatteristiċi tad-disinn maħsuba biex jiffalsifikaw ir-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu pprojbiti b'mod speċifiku.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi pjan ta' ħidma għar-reviżjoni tat-tikketti ta' prodotti partikolari, inkluża lista indikattiva ta' prodotti oħrajn relatati mal-enerġija li għalihom tista' tiġi stabbilita tikketta tal-enerġija. Il-pjan ta' ħidma għandu jiġi implimentat billi jibda b'analiżi teknika, ambjentali u ekonomika tal-gruppi ta' prodotti kkonċernati. Din l-analiżi għandha tħares ukoll lejn informazzjoni supplimentari, inklużi l-possibbiltà u l-kost

(20) Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi pjan ta' ħidma għar-reviżjoni tat-tikketti ta' prodotti partikolari, inkluża lista indikattiva ta' prodotti oħrajn relatati mal-enerġija li għalihom tista' tiġi stabbilita tikketta tal-enerġija. Il-pjan ta' ħidma għandu jiġi implimentat billi jibda b'analiżi teknika, ambjentali u ekonomika tal-gruppi ta' prodotti kkonċernati. Din l-analiżi għandha tħares ukoll lejn informazzjoni supplimentari, inklużi l-possibbiltà u l-kost

biex il-konsumaturi jiġu infurmati b'taġħrif dwar il-prestazzjoni ta' prodott marbut mal-enerġija, fost l-oħrajn il-konsum **assolut** tal-enerġija, id-durabbiltà jew il-prestazzjoni ambjentali, f'koerenza mal-għan li tiġi promossa ekonomija ċirkulari. Tali taġħrif supplimentari għandu jtejjeb l-intelliġibbiltà u l-effettività tat-tikketta għall-konsumaturi, u ma għandux iwassal għal xi impatt negattiv fuq il-konsumaturi.

biex il-konsumaturi jiġu infurmati b'taġħrif dwar il-prestazzjoni ta' prodott marbut mal-enerġija, fost l-oħrajn il-konsum tal-enerġija, id-durabbiltà jew il-prestazzjoni ambjentali, f'koerenza mal-għan li tiġi promossa ekonomija ċirkulari. Tali taġħrif supplimentari għandu jtejjeb l-intelliġibbiltà u l-effettività tat-tikketta għall-konsumaturi, u ma għandux iwassal għal xi impatt negattiv fuq il-konsumaturi.

Ġustifikazzjoni

"Konsum assolut tal-enerġija" mhijiex ċara u taġħti lok għal diskussjonijiet irrelevantanti dwar ċikli tal-ħajja tal-prodotti u impronti ekoloġiċi, u għalhekk tikkomplika ħafna l-proċess deċiżjonali.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) L-ekodisinn kiseb riżultati sinifikanti fit-titjib fl-effiċjenza enerġetika u fil-konsum tal-enerġija tal-prodotti, u dan wassal għal tnaqqis fl-ispejjeż u l-konsum tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi u tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għaldaqstant il-lista ta' prodotti koperti minn din il-leġiżlazzjoni għandha tiġi estiża u fir-rekwiżiti għad-disinn tal-prodotti għandhom jiġu inklużi, malajr kemm jista' jkun, il-karatteristiċi ta' effiċjenza tar-riżorsi kollha billi jiġu determinati rekwiżiti orizzontali li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, id-durabbiltà tal-prodotti u kemm dawn jistgħu jissewwew, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas **fuq** l-indikazzjoni bit-tikketti u informazzjoni standard tal-prodott fuq il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħrajn minn prodotti relatati mal-enerġija waqt l-użu, u informazzjoni supplimentari li tikkonċerna prodotti relatati mal-enerġija sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu prodotti aktar effiċjenti.

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas **dwar** l-indikazzjoni bit-tikketti u informazzjoni standard tal-prodott fuq il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħrajn minn prodotti relatati mal-enerġija waqt l-użu, u informazzjoni supplimentari **marbuta mal-ambjent u l-prestazzjoni** li tikkonċerna prodotti relatati mal-enerġija sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu prodotti aktar effiċjenti **u sostenibbli**.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-Regolament **m'għandux** japplika għal:

Emenda

2. Dan ir-Regolament **għandu** japplika għal **prodotti relatati mal-enerġija li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jitqiegħdu fis-servizz fis-suq tal-Unjoni**. **M'għandux** japplika għal:

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn definizzjoni pożittiva għall-kamp ta' applikazzjoni.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) "Prodott relatat mal-enerġija" tfisser kwalunkwe prodott, sistema jew servizz b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu, li jiddaħħal fis-suq **u** jitqiegħed fis-servizz fl-Unjoni, **inkluż** partijiet **li** jiġu inkorporati fi prodotti relatati mal-enerġija

Emenda

(11) "Prodott relatat mal-enerġija" tfisser kwalunkwe prodott, sistema jew servizz b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu, li jiddaħħal fis-suq **jew** jitqiegħed fis-servizz fl-Unjoni, **inklużi** partijiet **maħsuba biex** jiġu inkorporati fi prodotti

li jiddaħħlu fis-suq **u** jitqiegħdu fis-servizz;

relatati mal-enerġija li jiddaħħlu fis-suq **jew** jitqiegħdu fis-servizz **bħala partijiet individwali għall-konsumaturi u li l-prestazzjoni ambjentali tagħhom tista' tiġi vvalutata b'mod indipendenti;**

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) "Konsum tal-enerġija" tfisser il-kwantità ta' enerġija li prodott juża biex iwettaq il-funzjoni tiegħu, imkejla fuq bażi ċiklika, annwali jew tul il-ħajja tal-prodott, b'mod teknoloġikament newtrali, komparabbli fi ħdan kategorija ta' prodotti;

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) "Grupp ta' prodotti" tfisser kwalunkwe prodott relatat mal-enerġija li jkollu l-istess funzjonalità u, fil-każ ta' prodotti relatati mal-enerġija bi skopijiet multipli, li jkollhom l-istess funzjonalità ewlenija jew l-istess sett ta' funzjonalitajiet ewlenin;

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) "Tikketta" tfisser tabella grafika **li**

(13) "Tikketta" tfisser tabella grafika,

tinkludi klassifikazzjoni bl-użu tal-ittri A sa G f'seba' kuluri differenti minn aħdar skur sa aħmar biex turi l-konsum tal-enerġija;

f'forma stampata jew elettronika, li tinkludi klassifikazzjoni biex turi l-konsum tal-enerġija ta' prodott, sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jitqabblu bejniethom;

Justification

For clarity the definition should not set requirements. It is therefore better to have a general definition that does not contradict with other articles of the proposal. The elements describing the label should be listed in Art. 12, where the label is analysed. Suppliers should have the flexibility to be able to make available labels and information sheets in the format that they choose. Electronic and online means are becoming more and more widespread. A future-proof Framework text should consider the possibility for electronic form. Manufacturers use many different marketing routes for products being placed on the market and different means of providing the label needs to be in line with this.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) *"Folja ta' informazzjoni* dwar il-prodott" tfisser tabella standard bl-informazzjoni relatata ma' prodott;

Emenda

(17) *"Skeda informattiva* dwar il-prodott" tfisser tabella standard, *f'forma stampata jew elettronika*, bl-informazzjoni relatata ma' prodott;

Ġustifikazzjoni

Il-fornituri għandu jkollhom il-flessibbiltà li t-tikketti u l-iskedi informattivi jqegħduhom għad-dispożizzjoni fil-format li jagħżlu huma. Mezzi elettroniċi jew online qegħdin isiru dejjem aktar komuni. Test ta' Qafas li jibqa' validu fil-futur għandu jikkunsidra l-possibbiltà ta' forma elettronika. Il-produtturi jużaw diversi mekkaniżmi ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti mqiegħda fis-suq u d-diversi mezzi ta' kif tingħata t-tikketta għandhom ikunu allinjati ma' dan.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) *"Skala ġdida"* tfisser eżerċizzju

Emenda

(18) *"Riklassifikazzjoni"* tfisser eżerċizzju

perjodiku biex ir-rekwiżiti għall-ilħuq tal-klassi tal-enerġija fuq it-tikketta għal prodott partikolari jkunu magħmulin aktar stretti, *li, tista' tfisser li jitneħħew xi klassijiet ta' enerġija minn fuq tikketti li diġà jeżistu;*

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) "Tagħrif supplimentari" tfisser informazzjoni dwar il-prestazzjoni funzjonali u *ambjentali* ta' prodott *marbut* mal-enerġija, bħall-konsum assolut tal-enerġija *jew id-durabbiltà* tiegħu, abbażi ta' dejta li tista' titkejjel mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, li mhix ambigwa u li ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq l-intelliġibbiltà ċara u l-effettività tat-tikketta mill-perspettiva tal-konsumaturi.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 24

Proposta għal regolament

PE573.039v03-00

li jibdel il-korrelazzjoni bejn l-effiċjenza enerġetika u l-klassi ta' skema ta' tikkettar sabiex ir-rekwiżiti għall-ilħuq tal-klassi tal-enerġija fuq it-tikketta għal prodott partikolari jkunu magħmulin aktar stretti;

Emenda

(20) "Tagħrif supplimentari" tfisser informazzjoni dwar il-prestazzjoni funzjonali, *ambjentali* u *f'termini ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi* ta' prodott *relatat* mal-enerġija, bħall-konsum assolut tal-enerġija *u d-durabbiltà* tiegħu, *it-tul ta' ħajja mistenni tiegħu, kemm jista' jissewwa, jew il-kontenut ta' materjal riċiklat li fih*, abbażi ta' dejta li tista' titkejjel mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, li mhix ambigwa u li ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq l-intelliġibbiltà ċara u l-effettività tat-tikketta mill-perspettiva tal-konsumaturi;

Emenda

(20a) "Effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon tal-output ta' prestazzjoni, servizz, oġġetti jew enerġija, mal-input ta' enerġija.

16/34

AD\1093527MT.doc

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għandhom jassiguraw li l-prodotti mqiegħda fis-suq huma pprovvuti, **b'xejn**, b'tikketti u **b'folji bl-informazzjoni, preċiżi** dwar il-prodott skont dan ir-Regolament u l-atti delegati **relevanti**;

Emenda

(a) għandhom jassiguraw li l-prodotti mqiegħda fis-suq huma pprovvuti, **bla ħlas**, b'tikketti **preċiżi, imqiegħda għad-dispożizzjoni f'forma stampata jew elettronika**, u **bi skedi informattivi** dwar il-prodott skont dan ir-Regolament u l-atti delegati **rilevanti**;

Justification

Article 3.1 should clarify how the label and the information sheet need to be delivered. Label should be provided with the product as today but possibly in the future, delegated acts could define electronic solution, provided all stakeholders agree. This is to ensure that the framework is future proof. In current legislation for Product Information Sheets, there is legal uncertainty how to provide them. In contrast to labels, these are unlikely to be language neutral, therefore we propose that they should be made available to the final customer through catalogues or websites or other adequate means. For some product groups, “labels in the box” mislead consumers because the energy class of the product changes according to its combination with components/parts (e.g. air conditioners, heat pumps) and because manufacturers cannot predict what combination retailer shops choose to display or consumers choose to buy through installers. For these kinds of product groups, suppliers should be allowed to deliver labels by other means than ‘in the box’, in order to make sure that dealers and therefore consumers, receive accurate labels in time.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) għall-gruppi ta' prodotti fejn il-prodott ikun magħmul minn diversi partijiet jew komponenti, u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott tkun funzjoni ta' taħlita bħal din, għandhom iqiegħdu tikketti preċiżi għad-dispożizzjoni tan-negozjanti, bla ħlas, fil-punt tal-wiri, mingħajr preġudizzju għall-għażla tal-fornitur dwar kif iforni t-tikketti;

Emenda

Justification

Article 3.1 should clarify how the label and the information sheet need to be delivered. Label should be provided with the product as today but possibly in the future, delegated acts could define electronic solution, provided all stakeholders agree. This is to ensure that the framework is future proof. In current legislation for Product Information Sheets, there is legal uncertainty how to provide them. In contrast to labels, these are unlikely to be language neutral, therefore we propose that they should be made available to the final customer through catalogues or websites or other adequate means. For some product groups, "labels in the box" mislead consumers because the energy class of the product changes according to its combination with components/parts (e.g. air conditioners, heat pumps) and because manufacturers cannot predict what combination retailer shops choose to display or consumers choose to buy through installers. For these kinds of product groups, suppliers should be allowed to deliver labels by other means than 'in the box', in order to make sure that dealers and therefore consumers, receive accurate labels in time.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għandhom iqassmu t-tikketti malajr u bla h̄las meta jintalbu min-negozjanti;

Emenda

(b) għandhom iqassmu t-tikketti malajr u bla h̄las meta jintalbu min-negozjanti ***f'konformità mal-atti delegati rilevanti li jistgħu jispeċifikaw il-forma tat-tikketta (stampata jew elettronika), fid-dawl tal-ħtiġijiet tan-negozjanti;***

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 3(1) għandu jikkjarifika kif jeħtieġ jiġu fornuti t-tikketta u l-iskeda informattiva. Illum tikketta tista' tintalab f'forma stampata, iżda fil-futur jista' jkun aktar Prattiku li jintużaw mezzi elettroniċi sabiex, meta mqabbel ma' tikketti stampati mibgħuta bil-posta, l-ħtiġijiet tan-negozjanti jkun moqdiya aħjar. L-atti delegati jistgħu jiddefinixxu soluzzjoni elettronika, dment li n-negozjanti jaqblu. Dan biex ikun żgurat li l-qafas jibqa' validu fil-futur.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tan-negozjant, bla h̄las, l-iskeda informattiva dwar il-prodott

*(f'forma stampata jew elettronika)
mingħajr preġudizzju għall-forma li l-
fornituri jagħżlu għall-iskeda
informattiva dwar il-prodott, f'konformità
mal-atti delegati rilevanti;*

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 3(1)(ba) jiċċara kif għandha tiġi fornuta l-iskeda informattiva. Fil-leġiżlazzjoni attwali li tirrigwarda l-iskedi informattivi dwar il-prodotti, teżisti inċertezza legali dwar kif għandhom jiġu pprovduti. Għall-kuntrarju tat-tikketti, dawn x'aktarx li ma jkunux lingwistikament newtrali, għalhekk nipproponu li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumatur aħħari permezz ta' katalgi, siti elettroniċi jew mezzi adegwati oħra.

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ca) m'għandhomx iqiegħdu fis-suq
prodotti ddisinjati b'tali mod li kwalunkwe
prestazzjoni tal-prodott tinbidel
awtomatikament f'kundizzjonijiet ta'
ttestjar bil-għan li jintlaħaq livell aktar
favorevoli għal kwalunkwe parametru
speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni jew
inkluż fi kwalunkwe dokumentazzjoni
pprovduta mal-prodott;*

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(cb) m'għandhomx, permezz ta'
aġġornamenti ta' softwer, manwalment,
mill-bogħod, permezz ta' aġġornamenti
awtomatiċi jew meħtieġa, jintroduċu
bidliet li jista' jkollhom l-effett li jbiddu l-
prestazzjoni u li b'hekk iwasslu għal żieda
fil-konsum tal-enerġija matul il-ħajja ta'
prodott fil-fażijiet tal-użu jew fil-
modalitajiet standby wara li jintuża l-*

prodott;

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) qabel iqiegħdu mudell ta' prodott fis-suq, għandhom **idaħħluh** fil-bażi ta' dejta tal-prodotti, kif stabbilit skont l-Artikolu 8 u l-informazzjoni dettaljata fl-Anness I.

Emenda

(d) qabel iqiegħdu **unitajiet ta'** mudell ta' prodott fis-suq, għandhom **idaħħlu direttament** fil-bażi ta' dejta tal-prodotti, kif stabbilit skont l-Artikolu 8, l-informazzjoni dettaljata fl-Anness I, **jew jibagħtu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'forma elettronika standardizzata.**

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għandhom juru b'mod viżibbli **t-tikketta** pprovduta mill-fornitur jew inkella li tkun magħmula aċċessibbli (kummerċjalizzata) għal prodott kopert b'att delegat;

Emenda

(a) għandhom juru b'mod viżibbli, **fuq l-apparat jew fil-viċinanza immedjata tiegħu, it-tikketta** pprovduta mill-fornitur jew inkella li tkun magħmula aċċessibbli (kummerċjalizzata) għal prodott kopert b'att delegat;

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għandhom, meta ma jkollhomx tikketta

Emenda

(b) għandhom, meta ma jkollhomx tikketta jew tikketta **riklassifikata, soġġett għall-**

jew tikketta *bi skala ġdida*;

obbligu impost fuq il-fornituri li jipprovdulhom it-tikketti malajr u bla ħlas:

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) jistampaw it-tikketta mill-bażi ta' dejta *tal-prodott* stabbilita skont l-Artikolu 8 jekk dik il-funzjoni tkun disponibbli għal dak il-prodott; jew

Emenda

(ii) jistampaw *dik* it-tikketta mill-bażi ta' dejta *tal-prodotti* stabbilita skont l-Artikolu 8, *jew iniżżluha għall-finijiet ta' viżwalizzazzjoni elettronika*, jekk dik il-funzjoni tkun disponibbli għal dak il-prodott; jew

Ġustifikazzjoni

Il-viżwalizzazzjoni elettronika tat-tikketti fil-ħwienet tikkostitwixxi simplifikazzjoni u tirrappreżenta wieħed mill-aspetti ewlenin ta' din il-miżura leġiżlattiva.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) jistampaw it-tikketta jew *it-tikketta bl-iskala l-ġdida mis-sit elettroniku tal-fornitur* jekk dik il-funzjoni tkun disponibbli għal dak il-prodott.

Emenda

(iii) jistampaw *dik* it-tikketta *mis-sit elettroniku tal-fornitur*, jew *iniżżluha għall-finijiet ta' viżwalizzazzjoni elettronika f'forma li tippermetti li t-tikketta elektronika terġa' tintuża*, jekk dik il-funzjoni tkun disponibbli għal dak il-prodott.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jassiguraw li l-fornituri u n-negozjanti jikkonformaw mal-obbligi u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati *relevanti*.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jassiguraw li l-fornituri u n-negozjanti jikkonformaw mal-obbligi u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati *rilevanti*. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' kull Stat Membru għandhom jiżguraw, pereżempju permezz ta' teħid ta' kampjuni każwali, li l-prodotti mibjugħa fis-suq tal-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-klassi tal-enerġija indikata.***

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-Istati Membri jipprovdu kwalunkwe inċentiv għal prodott relatat mal-enerġija kopert b'dan ir-Regolament u speċifikat f'att delegat, ***dawn għandhom jimmiraw*** għall-ogħla ***klassi*** ta' effiċjenza enerġetika, kif imniżżel fl-att delegat applikabbli.

Emenda

3. Meta l-Istati Membri jipprovdu kwalunkwe inċentiv għal prodott relatat mal-enerġija kopert b'dan ir-Regolament u speċifikat f'att delegat, ***dak l-inċentiv għandu jimmira*** għall-ogħla ***klassijiet*** ta' effiċjenza enerġetika, ***jekk ikun hemm prodotti disponibbli***, kif imniżżel fl-att delegat applikabbli.

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli fuq il-penali u l-mekkaniżmi ta' infurzar applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati tiegħu, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli fuq il-penali u l-mekkaniżmi ta' infurzar applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati tiegħu, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u

diswassivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni bid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien kwalunkwe emenda suċċessiva li taffetwahom.

dissważivi u għandhom jikkumpensaw għall-vantaġġ ekonomiku tan-nonkonformità. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni bid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien kwalunkwe emenda suċċessiva li taffetwahom.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni tista' tittestja l-prestazzjoni enerġetika tal-prodotti b'mod indipendenti u tivverifika l-konformità. Il-Kummissjoni tista' tqabbad parti terza għal dan il-għan.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-prodotti relatati mal-enerġija li jkollhom tikketti tal-enerġija għandhom ikunu soġġetti għal verifiki fuq il-post, li jitwettqu perjodikament għal kull grupp ta' prodotti min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq abbażi ta' standards armonizzati, sabiex tiġi vvalutata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati tiegħu. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq għandhom, permezz ta' verifiki fuq il-post, jivverifikaw jekk il-prodotti kollha tal-enerġija msemmija f'dan ir-Regolament ikunux effettivament reġistrati fil-bażi ta' dejta stabbilita skont

l-Artikolu 8.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex tistabbilixxi regoli fil-livell tal-Unjoni bil-għan li tarmonizza l-implimentazzjoni tat-testijiet min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq, u li jistabbilixxu skeda ta' żmien u l-modalitajiet għat-twettiq tat-testijiet. Dawn it-testijiet għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet reali tal-użu tal-prodotti.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Għandu jkun projbit b'mod espliċitu li jiġu ddisinjati prodotti li jkollhom l-għan li jibdlu r-riżultati tat-testijiet u b'hekk iqarrqu bl-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Emenda 42

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta l-awtoritajiet ***ta' sorveljanza*** tas-suq jikkunsidraw li ***n-nuqqas ta' konformità mhuwiex restritt għat-territorju nazzjonali tagħhom***, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-

3. Meta l-awtoritajiet ***tas-sorveljanza*** tas-suq jikkunsidraw li ***kien hemm xi nonkonformità***, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li huma jkunu talbu lill-fornitur

evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li huma jkunu talbu lill-fornitur biex jieħu.

biex jieħu ***u jtellgħu l-informazzjoni fil-bażi ta' dejta tal-prodotti.***

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Meta titlesta l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 4 u 5 u jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tikkunsidra li miżura nazzjonali tmur kontra ***l-leġislazzjoni*** tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien ***tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-fornitur, u għandha*** tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali hijiex iġġustifikata jew le.

Emenda

10. Meta titlesta l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 4 u 5 u jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tikkunsidra li miżura nazzjonali tmur kontra ***l-leġiżlazzjoni*** tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali hijiex iġġustifikata jew le, ***u tista' tiddeċiedi dwar miżura alternattiva xierqa.***

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati adottati skont l-Artikoli 12 u 13, tintroduċi tikketti jew skala ġdida għat-tikketti eżistenti.

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati adottati skont l-Artikoli 12 u 13, tintroduċi tikketti jew skala ġdida għat-tikketti eżistenti.

It-tikketti għandhom ikunu mfassla b'mod li fil-kalkolu biex tiġi definita l-klassi tal-enerġija jkunu riflessi kemm il-prestazzjoni assoluta tal-prodott (il-konsum tal-enerġija) u kemm il-prestazzjoni relattiva (l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fid-dawl ta' aspetti rilevanti tal-mudell tal-prodott bħalma huma d-daqs, il-volum, u/jew karatteristiċi oħra). Minbarra l-klassi tal-enerġija, għandu jintwera l-konsum tal-enerġija għal kull

ċiklu, għal kull sena, għat-tul tal-ħajja tal-prodott jew għal kwalunkwe perjodu li jkun l-aktar rilevanti għall-kategorija tal-prodott.

Mat-tikketta, jew mal-iskeda informattiva dwar il-prodott, għandha tiġi kkunsidrata ż-żieda ta' elementi mhux relatati mal-enerġija, inkluż iżda mhux limitat għal dawn li ġejjin:

- l-istorbju,*
- il-perjodu ta' garanzija offrut bla ħlas lill-utent aħħari u d-durabbiltà,*
- id-disponibbiltà ta' parts, u informazzjoni dwar it-tiswija,*
- il-kontenut kimiku (kif mitlub mill-Artikolu 33 tar-REACH dwar "id-dritt li persuna tkun taf")*
- l-aspetti "intelliġenti" tal-prodott.*

It-tikketta għandha tinkludi kodiċi QR jew kwalunkwe disinn diġitali li jippermetti li jsir l-aħjar użu minn teknoloġiji bbażati fuq l-internet.

It-tikketta għandha tkun teknoloġikament newtrali u tippermetti paragun fost l-apparat kollu li jwassal servizzi simili, irrispettivament mill-portatur tal-enerġija jew it-teknoloġija utilizzata. Għandu jkun hemm tikketta waħda biss għall-prodotti funzjonalment ekwivalenti, u m'għandux ikun hemm eżenzjonijiet minn dmirijiet ta' tikkettar. Meta jitqabblu l-portaturi tal-enerġija differenti għall-finijiet tat-tikketta tal-enerġija, għandha ssir referenza għall-enerġija primarja, abbażi tal-effiċjenza tal-konverżjoni tal-enerġija (il-fattur ta' enerġija primarja), biex jiġu vvalutati l-prestazzjonijiet u l-klassi tal-enerġija tal-prodotti.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tassigura li, meta tiġi introdotta tikketta jew skala ġdida, ir-rekwiżiti jkunu stabbiliti sabiex l-ebda prodott ma jkun mistenni jaqa' **fil-klassijiet** tal-enerġija A **jew B** fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta **u** sabiex **iż-żmien stipulat li matulu l-maġġoranza tal-mudelli taqa' f'dawk il-klassijiet ikun tal-anqas għaxar snin wara.**

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tassigura li, meta tiġi introdotta tikketta jew skala ġdida, ir-rekwiżiti jkunu stabbiliti sabiex l-ebda prodott ma jkun mistenni jaqa' **fil-klassi** tal-enerġija A fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta. **F'każijiet eċċezzjonali, meta t-teknoloġija tkun mistennija tiżviluppa b'mod aktar mgħaġġel, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti** sabiex **l-ebda prodott ma jkun mistenni jaqa' fil-klassijiet tal-enerġija A jew B fil-ħin tal-introduzzjoni jew ir-riklassifikazzjoni tat-tikketta.**

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. **It-tikketti għandhom jinghataw skala ġdida perjodikament.**

Emenda

4. **Il-Kummissjoni għandha tniedi rieżami bil-ħsieb ta' riklassifikazzjoni meta tikkunsidra li:**

(a) 25 % tal-prodotti mibjugħa fis-suq tal-Unjoni jaqgħu fl-ogħla klassi tal-enerġija A; jew

(b) 45 % tal-prodotti mibjugħa fis-suq tal-Unjoni jaqgħu fil-klassijiet tal-enerġija A jew B.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) in-negożjanti għandhom ibiddu t-tikketti eżistenti fuq il-prodotti għall-wiri inkluż fuq l-internet bit-tikketti l-ġodda fi żmien **ġimgħa** wara d-data speċifikata għal dak l-għan fl-att **relevanti** delegat. In-negożjanti m'għandhomx juru t-tikketti **bl-iskala l-ġdida** qabel dik id-data.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. It-tikketti introdotti b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom **jitqiesu bħala tikketti għall-għanijiet ta'** dan ir-Regolament. **Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk it-tikketti fi żmien ħames snin minn meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bl-għan li jingħataw skala ġdida.**

Emenda

(b) in-negożjanti għandhom ibiddu t-tikketti eżistenti fuq il-prodotti għall-wiri inkluż fuq l-internet bit-tikketti l-ġodda fi żmien **xahar** wara d-data speċifikata għal dak l-għan fl-att delegat **rilevanti**. In-negożjanti m'għandhomx juru t-tikketti **riklassifikati** qabel dik id-data;

Emenda

(ba) il-grafika użata fuq it-tikketta riklassifikata għandha tkun viżibbilment differenti minn dik użata fuq it-tikketta l-antika u l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri jwettqu kampanja ta' komunikazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 4(4).

Emenda

6. It-tikketti introdotti b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom **jiggu riklassifikati għal A-G, u dan għandu japplika mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat rilevanti jew minn ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], skont liema wieħed jiġi l-ewwel, sabiex tkun limitata l-koeżistenza ta' tikketti bi klassifikazzjonijiet differenti,**

li tista' jwassal għall-konfużjoni fost il-konsumaturi.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-fornituri għandhom idaħħlu l-informazzjoni meħtieġa direttament fil-bażi ta' dejta tal-prodotti jew jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni f'forma elettronika standardizzata. Il-fornituri għandhom jivverifikaw id-dejta tal-prodott fil-bażi ta' dejta.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi ta' dejta tal-prodotti, li tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Anness I. L-informazzjoni mniżżla f'punt 1 tal-Anness I għandha tkun tista' tiġi aċċessata pubblikament.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi ta' dejta tal-prodotti, li tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Anness I. L-informazzjoni mniżżla f'punt 1 tal-Anness I għandha tkun tista' tiġi aċċessata pubblikament. ***L-informazzjoni mniżżla f'punt 2 tal-Anness I għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq biss, li għandhom jiżguraw li din tibqa' kunfidenzjali.***

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta waqt il-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott, dawn l-istandards armonizzati jkunu applikati, il-prodott għandu jitqies konformi mal-miżura u r-rekwiżiti ta' kalkolu *relevanti* tal-att delegat.

Emenda

Meta waqt il-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott, dawn l-istandards armonizzati jkunu applikati, il-prodott għandu jitqies konformi mal-miżura u r-rekwiżiti ta' kalkolu *rilevanti* tal-att delegat. ***Il-konformità għandha tiġi vverifikata minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq rilevanti.***

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-istandards armonizzati jkunu rriflettew il-firxa sħiħa ta' modi, funzjonalitajiet u varjabbli li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-prodott.

Emenda 54

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta xieraq, qabel l-atti delegati jiġu adottati, il-Kummissjoni għandha teżamina d-disinn u l-kontenut tat-tikketti għal gruppi speċifiċi ta' prodotti mal-konsumaturi biex ikun żgurat li t-tikketti jinftiehm u b'mod ċar.

Qabel l-atti delegati jiġu adottati, il-Kummissjoni għandha teżamina d-disinn u l-kontenut tat-tikketti għal gruppi speċifiċi ta' prodotti mal-konsumaturi biex ikun żgurat li t-tikketti jinftiehm u b'mod ċar.

Emenda 55

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

(ba) il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu li jissimulaw il-kundizzjonijiet tal-użu fir-realtà sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni preċiża tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' prodott, parzjalment billi jitkejjel l-input ta' enerġija f'kundizzjonijiet ta' ttestjar reali u li jiddetermina, fejn rilevanti, iż-żmien meħtieġ biex prodott jagħti ċertu output ta' prestazzjoni jew servizz;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) il-kontenut u, fejn hu xieraq, il-format u dettalji oħrajn li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni teknika u ***l-folja ta' informazzjoni*** dwar il-prodott;

(g) il-kontenut u, fejn hu xieraq, il-format u dettalji oħrajn li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni teknika u ***l-iskeda informattiva*** dwar il-prodott, ***inklużi l-metodoloġiji u l-formoli użati biex tiġi stabbilita l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta u fuq l-iskeda informattiva*** dwar il-prodott, ***li, fejn rilevanti, għandha tirrifletti l-varjazzjonijiet ġeografiċi u l-possibiltà tal-bżonn ta' ċertifikazzjoni min-naħa ta' parti terza tal-prestazzjonijiet iddikjarati;***

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u l-metodi tal-kejl u l-kalkolu li għandhom jintużaw biex tkun iddeterminata l-informazzjoni fuq it-tikketta u ***l-folja ta' informazzjoni*** dwar il-

(k) il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u l-metodi tal-kejl u l-kalkolu li għandhom jintużaw biex tkun iddeterminata l-informazzjoni fuq it-tikketta u ***l-iskeda informattiva*** dwar il-prodott ***abbażi tal-kundizzjonijiet tal-użu***

prodott;

reali;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) **jekk**, għal apparat akbar, **ikunx meħtieġ** livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika **biex jilħaq** klassi ta' enerġija partikolari;

Emenda

(1) **il-modalitajiet biex**, għal apparat akbar, **jinhrieg** livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika **sabiex tintlaħaq** klassi ta' enerġija partikolari;

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Mhux aktar tard minn tmien snin wara **li jkun daħal fis-seħħ**, il-Kummissjoni **sejra** tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u **sejra** tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jevalwa kemm dan ir-Regolament jippermetti b'mod effettiv lill-konsumaturi jagħżlu prodotti aktar effiċjenti, filwaqt li jqis l-impatti tiegħu fuq in-negozju.

Emenda

Sa... [tmien snin wara **d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**], il-Kummissjoni **għandha** tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u **għandha** tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jevalwa kemm dan ir-Regolament jippermetti b'mod effettiv lill-konsumaturi jagħżlu prodotti aktar effiċjenti, filwaqt li jqis l-impatti tiegħu fuq in-negozju **u kif dan ir-Regolament ikun ikkontribwixxa għall-kisba tal-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.**

Emenda 60

Proposta għal regolament

Anness I – parti 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) **informazzjoni dwar id-durabbiltà tal-prodott, jekk jistax jissewwa jew jiġi riċiklat, u jekk fis-suq hemmx parts disponibbli għal skopijiet ta' tiswija;**

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Anness I – parti 1 – punt eb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) informazzjoni supplimentari.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	It-tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija
Referenzi	COM(2015)0341 – C8-0189/2015 – 2015/0149(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.9.2015
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 7.9.2015
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Aldo Patriciello 25.9.2015
Eżami fil-kumitat	17.2.2016
Data tal-adozzjoni	26.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 63 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Alberto Cirio, Birgit Collin-Langen, Mireille D’Ornano, Seb Dance, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Ian Duncan, Stefan Eck, Bas Eickhout, Eleonora Evi, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Julie Girling, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Daciana Octavia Sârbu, Davor Škrlec, Renate Sommer, Estefanía Torres Martínez, Nils Torvalds, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Eugenia Aguilera García, Nicola Caputo, Fredrick Federley, Giorgos Grammatikakis, Merja Kyllönen, Gesine Meissner, Marijana Petir, Gabriele Preuß, Jasenko Selimovic, Kay Swinburne, Keith Taylor, Mihai Țurcanu, Tom Vandenkendelaere
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie-Christine Boutonnet